**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charles Zahra**

Numru: 182/2013

Illum is-sitta (6) ta' April 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Charles Zahra**, ta' erbghin (40) sena, iben George u Antonia neé Curmi, imwieled l-Awstralja nhar id-19 ta' Jannar 1972, residenti fil-fond San Rafael, Blk A, Flat 5, Triq ta' Qortin, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta' tal-Identita' bin-Numru 178610(L), akkuzat talli:

fis-27 ta' April 2011 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl (11:30pm) fi Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri lil haddiehor sabiex jikser xi disposizzjonijiet, jew restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew htiega imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat), u cioé:

1. sabiex jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat), u cioé Kuccarda Pernis apivorus, mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahthom u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat u bi ksur ta' Regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

2. sabiex jikkaccja jew jipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmijja fl-Iskeda II, u cioé Kuccarda Pernis apivorus, u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat u bi ksur ta' Regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

3. sabiex jikkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioé Kuccarda Pernis apivorus, u dan bi ksur ta' Regolament 5(3) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat u bi ksur ta' Regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

4. sabiex jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur bl-uzu ta' xi sors ta' dawl artificjali jew apparat li jitfa' d-dawl fuq xi oggett bi ksur ta' Regolament 7(1)(c) u Regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

5. sabiex jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur b'xi mezz bejn saghtejn wara nzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx tal-ghada filghodu bi ksur ta' Regolament 19(1) u Regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

**U talli fl-istess data, hin u lok**:

6. zamm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Kuccarda Pernis apivorus, bi ksur tad-

dispozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi peress li ma kienx ghasfur li gie dikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kellux il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur, bi ksur ta' Regolamant 4(1)(e) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iSkeda II jew l-iSkeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Kuccarda Pernis apivorus, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-iStat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004, bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjun, u cioé ta' Kuccarda Pernis apivorus, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita' Kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-disposizzjonijiet ta' r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

**U talli fit-28 ta' April 2011 ghall-habta tal-hamsa ta' fil-ghaxija u fis-snin ta' qabel, fil-fond "San Raffael", Flat 5, Block A, Triq il-Qortin, Nadur, Ghawdex**:

9. zamm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioé Baghdan ikhal Circus macrourus u Pispisella Bajda Calidris alba bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-

Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta dak l-ghasfur ma kienx gie dikkjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kellu l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur, bi ksur ta' Regolamant 4(1)(e) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

10. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iSkeda II jew l-iSkeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Baghdan Ikhal Circus macrourus u Pispisella Bajda Calidris alba meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-Ligijiet ta' dak l-iStat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004, bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

11. kellu fil pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iSkeda III li tinsab mar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioé Baghdan Ikhal Circus macrourus u Pispisella Bajda Calidris alba u li ma kinux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) ta' Regolament 21 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 bi ksur ta' Regolament 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

12. kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa' taht ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora, u cioé North American River Otter Lontra canadensis tal-Familja Lutrinae spp. u Black Bear Ursus americanus tal-Familja Ursidae spp., minghajr ma zamm fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenza li ghandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari u dan bi ksur ta' Regolament 7 tal-Avviz Legali 236 tal-2004;

13. kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar bil-marka mhux maghrufa minghajr ma kellu licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480;

**U aktar talli fis-snin ta' qabel**:

14. ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament (1)(e) ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi minghajr ma ghamel talba lid-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Ambjent fi hdan l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar u minghajr ma' kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment minghand l-istess Direttur, bi ksur ta' Regolament 4(2) ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi, barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi barra li taghti l-piena taht Regolament 8(2) tal-Avviz Legali 236 tal-2004, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* kif ukoll tordna l-iskwalifika miz-zamma jew il-ksib ta' xi warrant, licenza, permess jew awtorita' ghal zmien mhux anqas minn sena.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 8 *et seq*.), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet enumerati bin-numru sitta (6) sa numru hdax (11).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 143), lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet

enumerati bin-numru sitta (6) sa numru hdax (11) u dana wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 127).

Semghet il-provi tad-difiza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 141) fejn il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni sal-31 ta' Lulju 2015 sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub bil-visto tad-difiza li nghatat zmien sad-9 ta' Ottubru 2015 sabiex tipprezenta n-Nota responsiva taghha.

Rat illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-18 ta' Frar 2016 (*a fol.* 144 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013, gie pprezentat **affidavit ta' WPS 100 Lorraine Mifsud**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "BCS 1" (*a fol.* 10 *et seq.*). F'dan l-affidavit, hemm indikat il-licenzji li kellu f'ismu l-imputat rigward armi tan-nar u l-uzu taghhom.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013, xehed **Stanley Gatt** (*Team Manager* responsabbli mis-Sezzjoni tal-Avifauna fil-MEPA – *a fol.* 16 *et seq.*) fejn qal li fit-28 ta' April 2011 ghal xi 11.00am kien mitlub jassisti l-Pulizija ta' Ghawdex waqt spezzjoni relatata ma' allegat ta' kacca illegali fil-lejl ta' qabel. Jghid li hu u kollega tieghu accedew l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex u gew murija karkassa ta'

kuccarda mharsa bir-Regolamenti u tinsab fi Skeda 1, li kellha indikazzjonijiet li kienet afflitta minn tir ta' senter u li kienet ghadha kif nqatlet. Din giet ezebita b'mod formali bhala Dok. "SG 1" (*a fol.* 21). Gie muri wkoll parafernalja, b'mod partikolari *haversack* li kien fih batterija ta' vettura u *searchlight* mqabbda maghha, li gew sekwestrati. Jghid li saret spezzjoni fid-dar tal-imputat fejn irrizulta li kellu kollezzjoni ta' tajr u mammiferi protetti bbalzmati. Jghid li rigward il-mammiferi ma nstabet l-ebda dokumentazzjoni li kienet tissostanzja l-importazzjoni taghhom f'Malta b'mod legittimu u dana peress illi l-imputat qal li kien ghamel zmien jghix l-Amerika u qal li baghathom Malta. Ezebixxa lista tal-ezemplari kollha ta' tajr protett li kien hemm fir-residenza li giet immarkata bhala Dok. "SG 3" (*a fol.* 30 *et seq.*) u kif ukoll lista ta' tajr ibbalzmat tal-mammiferi li giet immarkata bhala Dok. "SG 4" (*a fol.* 32). Jghid li rrizulta li zewg ezemplari partikolari (cioé *pallid harrier* u *sanderling*) ma kienux gew dikjarati. Jispjega li l-iSpettur ta twissija lill-imputat li ghazel li jikkomunika mal-avukat tieghu u wara li ghamel dan wiegeb ghad-domandi li sarulu. Jghid li l-imputat ammetta li dawn l-ezemplari ma kienux fid-dikjarazzjoni u b'hekk gew sekwestrati. Dawn gew ezebiti bhala Dok. "SG 5" (*a fol.* 33). Jispjega li t-tnejn li huma huma protetti u li l-*pallid harrier* jinsab fi Skeda 1 tal-Avviz Legali. Jispjega li, rigward il-mammiferi l-ohra, irrizulta mir-ricerka li ghamlu li zewg ezemplari minnhom kienu mharsa bil-ligi internazzjonali fejn jekk tali ezemplari jinhareg minn go pajjiz u jidhol go pajjiz iehor irid ikun akkumpanjat minn certifikazzjoni specjali (CITES *permits*). Jghid li dokumentazzjoni tali qatt ma giet f'idejn l-ufficcju taghhom li ilu hemm mill-1980. Jixhed li dawn gew sekwestrati wkoll u li gew immarkati bhala Dok. "SG 6" (*a fol.* 34). Jghid li mentri l-protezzjoni tal-ors tmur lura ghall-11 ta' Gunju 1992, tal-*otter* tmur lura ghall-4 ta' Frar 1977. Jghid li minkejja li l-obbligu huwa tal-*holder* tal-ezemplari biex jipproduci d-dokumentazzjoni, huma xorta ghamlu ricerka u ma nstab xejn. Jghid ukoll li minkejja li numru konsiderevoli ta' tjar protett ibbalzmat kienu gew ddikjarati minn George Zahra, dawn ma kienux jinstabu fuq is-sit. Jghid li l-imputat qallu, wara li nghata t-twissija, li kien iddispona minnhom peress li kienu ddeterjoraw. Jghid li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk kienx gab xi permessi minn naha tal-MEPA kif kien

obbligat li jaghmel, wiegeb fin-negattiv. Jghid li mir-ricerka li saret, la l-imputat u anqas missieru qatt ma talbu dan u li anqas qatt ma harget forma ta' awtorizzazzjoni minn naha tal-MEPA f'dan ir-rigward. Ezebixxa lista tal-hamsa u tmenin (85) tajra in kwistjoni li tnejn u erbghin (42) minnhom huma nkluzi fi Skeda 1, u din il-lista giet immarkata bhala Dok. "SG 7" (*a fol.* 35 *et seq.*). Ezebixxa numru ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok. "SG 8" u Dok. "SG 9" (*a fol.* 38 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Gilbert Haber** (*Enviroment Protection Officer* fil-MEPA – *a fol.* 77 *et seq.*) fejn spjega kif fit-28 ta' April 2011 ghal habta tal-10.00am Stanley Gatt u hu gew mitluba mill-Pulizija ta' Ghawdex biex jezaminaw karkassa li kienet giet elevata minn persuna fil-lejl ta' qabel. Haber xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Stanley Gatt u ghas-skans ta' ripetizzjoni m'huwiex ser jerga' jigi prodott hawn dak li xehed Haber. Haber ikkonferma d-dokumenti li gew ezebiti minn Stanley Gatt.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PS 581 Loreto Buttigieg** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' April 2011 gie nfurmat mis-superjuri tieghu biex joqghod attent matul il-lejl ghal xi tajr tal-priza. Jghid li gie nfurmat mill-Pulizija tal-*mobile* li x'hin saret tfittixja fuq l-imputat nstabet fuqu kuccarda go xkora ma zaqqu u li s-senter ma kienx instab. Jghid li minn tfittxija li ghamel fir-residenza tal-imputat, l-arma ma setghetx tinstab. PS 581 ipprepara l-*updates* li hemm fuq l-okkorrenza li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "LB 1" (*a fol.* 83 *et seq.*)[1]. Jghid li l-ghada rega' mar fir-residenza tal-imputat flimkien mal-iSpettur Tabone u l-ispetturi tal-MEPA fejn go vettrina nstab senter qadim hafna bin-numru 2606, il-marka ta' liema ma kienitx maghrufa, liema senter gie elevat.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PC 1403 Anthony Spiteri** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tas-27 ta' April 2011 kien xoghol fil-ghaxija u waqt li kien ghaddej bil-vettura tal-*mobile* ra tliet persuni jaharbu x'hin raw il-vettura tal-Pulizija liema

[1] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "FT 8" (*a fol.* 105 *et seq.*).

persuni nizlu ghal gor-raba'. Jghid li flimkien mieghu kien hemm PC 102 u PC 1117 u x'hin marru jippruvaw isibuhom fi Triq il-Wileg, il-Qala, ma rnexxielhomx pero sabu lill-imputat mimdud jistahba. Jghid li taht zaqqu l-imputat kellu tajra kbira kannella, kellu wkoll *haversack* f'liema *haversack* kellu d-dawl u *battery.* Jghid li l-imputat ma riedx jghidilhom min kienu z-zewg persuni l-ohra. PC Spiteri gie muri ritratt immarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 39) (liema ritratt jifforma parti minn Dok. "SG 8" – *a fol.* 38 *et seq.*) u jghid li l-pil tal-ghasfur li kellu l-imputat kien bhal dak li jidher fir-ritratt in kwistjoni. PC Spiteri kkonferma wkoll li l-*haversack* u t-torc li nstabu huma dawk li jidhru f'ritratt immarkat bhala Dok. "Y" (*a fol.* 40) (liema ritratt jifforma parti minn Dok. "SG 8" – *a fol.* 38 *et seq.*).

In kontro-ezami, meta gie mistoqsi jghid jekk meta ra lit-tlitt persuni jigru rax lill-imputat jigri, wiegeb fin-negattiv pero jghid li ra persuna bil-*haversack* fuq dahru u x'hin inqabad l-imputat kellu *haversack* fuq dahru.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 91 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tas-27 ta' April 2011 ghal habta tal-11.30pm rcevew rapport li fl-inhawi tal-Wileg fil-Qala kien hemm persuna li kienet ghal kacca. Jghid li meta l-Pulizija marru fuq il-post nstab l-imputat li gie arrestat. Jixhed li fuq il-persuna tal-imputat instab *haversack* li fih kien hemm *spotlight*, batterija kif ukoll tajra li kienet suspettata li kienet protetta, liema tajra kienet mejta. Ezebixxa s-segwenti: *haversack*, li gie mmarkat bhala Dok. "FT 1" (*a fol.* 89 u 96) (f'liema *haversack* hemm l-i*spotlight* u l-batterija) u kif ukoll rcevuta mmarkata bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 97). Jghid li minn spezzjoni li saret fir-residenza tal-imputat (Triq il-Qortin, Nadur), ghal liema spezzjoni kien hemm ukoll l-ufficjali tal-MEPA Stanley Gatt u Gilbert Haber, irrizulta li kien hemm vettrina li fiha kien hemm xi tajr u annimali ohra bbalzmati. Jghid li gie elevat *shotgun* tal-ghamla mhux maghrufa bin-numru 2606, liema arma rrizulta li ma kienitx licenzjata fuq l-imputat, u l-imputat nghata rcevuta li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "FT 3" (*a fol.* 98) u x-*shotgun* gie ezebit formalment bhala Dok. "FT 4" (*a fol.* 89 u 99). Jghid li l-imputat kien irrilaxxa stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala

Dok. "FT 5" (*a fol.* 100 *et seq.*). Jixhed li in segwitu ta' informazzjoni li nghata mill-ufficjali tal-MEPA, regghu accedew gor-residenza tal-imputat fejn gew elevati *black bear*, *otter*, *sanderling* u *pallid harrier*. Ezebixxa rcevuta li giet moghtija lill-imputat li giet immarkata bhala Dok. "FT 6" (*a fol.* 103). Ezebixxa wkoll l-ispeci li gew elevati dakinhar li gew ezebiti formalment bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 89 u 104). Ezebixxa okkorrenza redatta minn PS 664 Jason Xerri, li giet immarkata bhala Dok. "FT 8" (*a fol.* 105 *et seq.*)[2]. Jghid li waqt li kien qed ikellem lill-imputat, l-imputat cahad li dakinhar tal-incident kien mar ghal kacca. Fir-rigward tal-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu, l-imputat qal li kien mar f'dak il-post partikolari u waqt li kien qed idur hemmhekk sab din it-tajra mejta u gabarha. Jghid li l-imputat cahad li spara fuq din it-tajra.

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 93 *et seq.*) ikkonferma li l-imputat ikkonsulta ma' avukat. Jghid li sentejn wara saret spezzjoni ohra u regghu marru fir-residenza tal-imputat u l-imputat gie moghti d-dritt ghall-assistenza legali. Jghid li l-ezercizzju kien sar minn tal-MEPA li elevaw it-tajr u l-affarijiet l-ohra li hassew li kellhom jigu elevati. Jghid li l-Pulizija kienu prezenti ghal bon-ordni.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta'Novembru 2013 (*a fol.* 120) fejn filwaqt li ghamel riferenza ghal Dok. "SG 3", "SG 4", "SG 5" u "SG 6" (*a fol.* 30 *et seq.* sa *a fol.* 34), jghid li dawn gew elevati mill-ispetturi tal-MEPA fil-prezenza tal-Pulizija u qed jinzammu gewwa l-garaxx tal-Pulizija ta' Ghawdex u li huwa ezebixxa formalment bhala Dok. "FT 9". Jghid li ritratti ta' dawn l-ispeci jinsabu mmarkati bhala Dok. "SG 8" (*a fol.* 38 *et seq.*) u Dok. "SG 9" (*a fol.* 74 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 132 *et seq.*), ikkonferma li fir-residenza tal-imputat ghamlu zewg spezzjonijiet. Jghid li l-ewwel spezzjoni saret meta l-imputat kien ghadu arrestat fejn irrizulta li kien hemm vettrina b'xi ghasafar u speci ohra. Mistoqsi jikkonferma jekk meta kienet qed issir it-tieni spezzjoni u gew elevati parti mill-ispeci li kien hemm, f'hin

[2] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "LB 1" (*a fol.* 83).

minnhom dahalx Carmel Portelli, wiegeb: *"Niftakar kien hemm hu [l-imputat], kien hemm il-mara tal-imputat kif ukoll niftakar li dahlet persuna ohra, bl-isem taghha ma niftakarx min hu però identifika ruhu li jigi la naf mill-imputat u lanqas mill-mara tieghu, kien ecitat hafna u x'hin infurmajnieh li konna ha niehdu l-ors dak il-hin zied fl-ecitament tieghu biex nghid hekk"* (*a fol.* 132). Ikkonferma li dan il-persuna beda jghid li kienu ser jiehdu l-ors ta' missierhom u li kien hu (missierhom) li kien tahulhom.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed **PC 102 Anthony Portelli** (*a fol.* 107 *et seq.*) li spjega li dakinhar tas-27 ta' April 2011 kien xoghol flimkien ma' eks PC 1117 u PC 1403. Huwa xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 1403. Spjega wkoll li flimkien ma' PS 581 kien mar jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn l-imputat gabilhom arma tal-ghamla Remington bin-numru 13699. Meta gie muri Dok. "FT 1" (*a fol.* 89 u 96) qal li dan huwa l-*haversack* li ghamel riferenza ghalih fid-depozizzjoni tieghu u li fih kien hemm is-*searchlight* u l-batterija.

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jghid jekk meta ra t-tlitt persuni mexjin setghax jaghraf lill-imputat, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma semghax tiri ta' senter. Jixhed li ma setghax jinnota jekk xi hadd mit-tlitt persuni li ra kellhomx senter fuqhom peress li kienu distanti. Jghid li fejn intlemhu dawn il-persuni m'hemmx dlam cappa pero hemm id-dawl.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn wara li gie muri l-okkorrenza li tinsab immarkata bhala Dok. "FT 8" (*a fol.* 105 *et seq.*) ikkonferma li din giet mhejjija minnu.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **eks PC 1117 Mario Camilleri** (*a fol.* 114 *et seq.*) fejn filwaqt li qal li fis-27 ta' April 2011 kien flimkien ma' PC 1403 Anthony Spiteri u PC 102 Anthony Portelli, huwa ta dettalji fuq l-istess linji li taw dawn iz-zewg xhieda. Ix-xhud gie muri Dok. "FT 1" (*a fol.* 89 u 96) u qal li dan huwa l-baskett u l-affarijiet li kien hemm go fih li nstabu fuq l-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li fl-ebda mument ma semgha xi tiri. Jghid li anqas snieter ma ra.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014, xehed **Carmel Portelli** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn beda billi qal li ghandu 41 sena u li missieru jismu Kurun Portelli. Jghid li l-imputat jigi r-ragel ta' ohtu. Meta gie muri ritratti li jinsabu f'Dok. "SG 8" (*a fol.* 38 *et seq.*) u l-ewwel zewg faccati ta' Dok. "SG 9" (*a fol.* 74 *et seq.*) jghid li setgha jara ors u haga ohra li ma jafx x'inhi peress li m'huwiex dilettant pero jghid li dawn kienu fid-dar ta' missieru (ta' Carmel Portelli). Jghid li dejjem hemm jafhom. Jixhed li missieru ilu mejjet hdax-il sena u li missieru kellu senter u r-ragel ta' ohtu qallu li kien dawwarhomlu. Mistoqsi jghid kif dawn spiccaw ghand l-imputat wiegeb li peress li l-imputat riedhom u hu (Carmel Portelli) m'huwiex dilettant, tahomlu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **Dr. Jean Paul Grech** (*a fol.* 134) fejn spjega li ghamel ricerka minn fuq l-*internet* ghar-rigward tas-CITES Convention (*Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Fauna and Flora*) u pprezenta s-segwenti: bhala Dok. "JPG 1" (*a fol.* 135) *screen shot* tal-Konvenzjoni u bhala Dok. "JPG 2" (*a fol.* 136 *et seq.*) lista tal-pajjizi kollha li ffirmaw u rratifikaw l-istess Konvenzjoni. Jghid li mil-lista tal-pajjizi jirrizulta li l-istat Malti ffirma (bhala *accession*) din il-Konvenzjoni fis-17 ta' April 1989. Jghid li r-ratifika saret mill-istat Malti wara li giet approvata mill-Parlament fis-16 ta' Lulju 1989.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "FT 5" – *a fol.* 100 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone, liema stqarrija gie rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat spjega li fis-27 ta' April 2011 ghall-habta tat-8.00pm kien qieghed bil-kelba mixi fil-Qala f'zona maghrufa bhala l-Wileg u li l-kelba tieghu sabet kuccarda mejta fl-inhawi. Jghid li ghamel it-tajra ghal genb, ha l-kelba d-dar u aktar tard mar bis-*search light* biex isib it-tajra. Jghid li kien mixi lejn it-trakk tieghu u rawh il-Pulizija. Jikkonferma li

huwa jghix in-Nadur u mistoqsi jghid x'inhi r-raguni ghala mar jimxi lejn l-inhawi tal-Wileg il-Qala f'dawk il-hinijiet tard bil-lejl, wiegeb: *"Halli ndarri l-kelba postijiet differenti"* (*a fol.* 101). Jghid li kien wahdu. Jikkonferma li qabel gie arrestat rawh ma' zewg persuni li rnexxielhom jaharbu. Jghid li ma jafx min kienu dawn iz-zewg persuni peress li kien iltaqa' maghhom hemmhekk ftit qabel. Jghid li kien miexi maghhom. Jghid li hu ltaqa' ma' dawn il-persuni madwar minuta jew tnejn qabel rawh il-Pulizija. Jghid li anke dawn iz-zewg persuni kienu mexjin. Jispjega li bejn ir-residenza tieghu u tal-Wileg il-Qala hemm madwar zewg kilometri u jiehu madwar hames minuti bil-vettura. Jichad li kien ghall-kacca maz-zewg persuni l-ohra. Jichad ukoll li huwa spara ghal kuccarda li nstabet fil-pussess tieghu. Jikkonferma li huwa dilettant tal-kacca. Jikkonferma wkoll li kien jaf li kuccarda hija tajra protetta. Jghid li din kienet fil-pussess tieghu ghax ghogbitu u gabarha. Ghar-rigward tal-arma li nstabet fir-residenza tieghu go vettrina, jghid li din kienet arma ta' missier il-mara tieghu, illum mejjet. Mistoqsi jghid jekk jafx jekk din l-arma hijiex registrata, wiegeb li ma jahsibx. Fir-rigward tat-tajr u annimali bbalzmati li nstabu fir-residenza tieghu jghid li dawn huma tieghu. Jghid li tal-MEPA jafu bihom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>Imputazzjonijiet enumerati bin-Numru Wiehed (1) sa Hamsa (5)</u>**:
Illi taht dawn l-imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat li fis-27 ta' April 2011 ikkonfoffa, ittanta, ghen, hajjar, ta parir lil haddiehor sabiex jikser numru ta' dispozizzjonijiet, restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew htiega mposta minn jew taht numru ta' Regolamenti li jemergu mir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi.

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Dakinhar tas-27 ta' April 2011, PC 1403 Anthony Spiteri, PC 102 Anthony Portelli u PC 1117 Mario Camilleri kienu flimkien u raw tliet persuni jaharbu u wara sabu lill-imputat mimdud jistahba. Jirrizulta li hadd mill-kuntistabbli msemmija ma ra lill-imputat jigri pero jirrizulta li ntlemhet persuna bil-*haversack* fuq dahru u li x'hin inqabad l-imputat kellu *haversack* fuq dahru. Ma nstemghux tiri ta' senter. *Da parte* tieghu PC 102 Anthony Portelli jghid li meta setghax jinnota jekk xi hadd mit-tlitt persuni li ra kellhomx senter fuqhom peress li kienu distanti. PC 1117 Mario Camilleri jghid li anqas snieter ma ra.

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone jghid li l-imputat cahad li dakinhar tal-incident kien mar ghal kacca.

- Fir-rigward tal-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu jinghad li l-imputat qal li kien mar f'dak il-post partikolari fejn huwa nstab u waqt li kien qed idur hemmhekk sab tajra mejta u gabarha.

- Fl-istqarrija (Dok. "FT 5" – *a fol.* 100 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone, l-imputat qal li huwa mar jimxi lejn l-inhawi tal-Wileg il-Qala f'dawk il-hinijiet tard bil-lejl sabiex: *"ndarri l-kelba postijiet differenti"* (*a fol.* 101). Huwa jghid li kien wahdu. Huwa cahad li spara fuq xi tajra.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brian Zarb**, deciza fil-11 ta' Novembru 2011, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali laqghet l-argument tal-Avukat Generali fejn sostna li l-Avviz Legali 79 tal-2006 (cioé r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi) ma jitkellimx biss dwar *"konfoffa"*, izda wkoll dwar li jghin, *"ta parir"*. Ghadha ragun id-difiza meta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha ssostni li l-Avviz Legali 79 tal-2006 imur *oltre* mir-reat ta' komplicita' kontemplat fil-Kapitolu 9 u dana *stante* illi ma jitkellimx biss dwar *"konfoffa"* u li allura jirrikjedi wkoll l-element tal-*common design*, izda jinkludi wkoll ghajnuna, hajra, jew l-ghoti ta' pariri lil haddiehor sabiex jigi kommess reat. Dan kollu ma jirrizultax fl-atti processwali.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti tinnota li minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta dak li l-imputat jinsab akkuzat bih taht l-ewwel hames (5) imputazzjonijiet u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

**<u>Imputazzjonijiet enumerati bin-Numru Sitta (6) sa Hdax (11)</u>**:
Illi l-imputat ammetta dawn l-imputazzjonijiet u ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**<u>Imputazzjoni enumerata bin-Numru Tnax (12)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kellu fil-pussess tieghu *North American River Otter* u *Black Bear* minghajr ma kellu l-permess, certifikat u licenzja li ghandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dawn l-ezemplari.

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Stanley Gatt xehed kif iz-zewg ezemplari (Dok. "SG 6" – *a fol.* 34) imsemmija hawn fuq huma mharsa bil-ligi internazzjonali fejn jekk tali ezemplari jinhareg minn go pajjiz u jidhol go pajjiz iehor irid ikun akkumpanjat minn certifikazzjoni specjali (CITES *permits*). Jghid li dokumentazzjoni tali qatt ma giet f'idejn l-ufficcju taghhom li ilu hemm mill-1980. Huwa spjega li mentri l-protezzjoni tal-ors tmur lura ghall-11 ta' Gunju 1992, tal-*otter* tmur lura ghall-4 ta' Frar 1977. Jghid li minkejja li l-obbligu huwa tal-*holder* tal-ezemplari biex jipproduci d-dokumentazzjoni, huma xorta ghamlu ricerka u ma nstab xejn.

- Gilbert Haber xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Stanley Gatt. Huwa qal li ghaz-zewg mammiferi imsemmija, l-imputat qatt ma pprovda d-dokumenti necessarji li juru l-provenjenza taghhom.

- Fil-kontro-ezami tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone (*a fol.* 132 *et seq.*) ikkonferma li fir-residenza tal-imputat ghamlu zewg spezzjonijiet. Mistoqsi jikkonfermax

jekk meta kienet qed issir it-tieni spezzjoni u gew elevati parti mill-ispeci li kien hemm, f'hin minnhom dahalx Carmel Portelli, wiegeb: *"Niftakar kien hemm hu [l-imputat], kien hemm il-mara tal-imputat kif ukoll niftakar li dahlet persuna ohra, bl-isem taghha ma niftakarx min hu però identifika ruhu li jigi la naf mill-imputat u lanqas mill-mara tieghu, kien ecitat hafna u x'hin infurmajnieh li konna ha niehdu l-ors dak il-hin zied fl-ecitament tieghu biex nghid hekk"* (*a fol.* 132). Ikkonferma li dan il-persuna beda jghid li kienu ser jiehdu l-ors ta' missierhom u li kien hu (il-missier) li kien tahulhom.

- Carmel Portelli xehed kif l-imputat jigi r-ragel ta' ohtu. Meta gie muri z-zewg ezemplari in kwistjoni jghid li dawn kienu fid-dar ta' missieru (ta' Carmel Portelli). Jghid li dejjem hemm jafhom. Jghid li kienu mghottija b'lizar. Jghid li dawn spiccaw ghand l-imputat peress li l-imputat riedhom u hu tahomlu peress li hu (Carmel Portelli) m'huwiex dilettant.

Illi l-Qorti tinnota li d-difiza ghandha ragun fl-argumenti mressqa minnha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat meta ngibu Malta dawn il-mammiferi. Dak li jirrizulta huwa li dawn kienu ilhom Malta ghal diversi u diversi snin. Il-Qorti hija propensa li taccetta l-argumenti tad-difiza f'dan ir-rigward u dana b'mod specjali wara li l-Qorti tqies li l-Avviz Legali 236 tal-2004 (cioé l-Avviz Legali li jirrigwarda Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora) hassar ir-Regolamenti tal-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora li kienu dahlu regolamenti bbazati fuq il-*Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Fauna and Flora* fejn Malta iffirmat din il-Konvenzjoni fis-17 ta' April 1989 u r-ratifika mill-Parlament saret fis-16 ta' Lulju 1989.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputat fir-rigward ta' imputazzjoni enumerata bin-numru tnax (12) u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>Imputazzjoni enumerata bin-Numru Tlettax (13)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fid-depozizzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone jixhed kif gie elevat *shotgun* tal-ghamla mhux maghrufa bin-numru 2606, liema arma rrizulta li ma kienitx licenzjata fuq l-imputat. Fl-istqarrija (Dok. "FT 5" – *a fol.* 100 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, meta l-imputat gie mistoqsi fir-rigward tal-arma li nstabet fir-residenza tieghu go vettrina, l-imputat jghid li din kienet arma ta' missier il-mara tieghu. Huwa wiegeb li ma jahsibx li din l-arma kienet registrata.

Illi jibda billi jinghad li dan is-*shotgun* ma jirrizultax mil-licenzja ezebita mal-affidavit ta' WPS 100 Lorraine Mifsud (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 13 *et seq.*). Jinghad ukoll li taht l-imputazzjoni enumerata bin-numru tlettax (13) l-imputat jinsab akkuzat bi ksur ta' Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu 2 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li "arma tan-nar" *tinkludi* s-segwenti:

> "arma tan-nar tkun ta' liema għamla tkun u kull tip ieħor ta' pistola, azzarin jew kanun li minnha jista' jiġi sparat xi tir, balla jew missili, u l-kanna, il-kulatta u *receiver* tagħhom".

Illi tenut kont tal-fatt li fil-kaz ta' arma tan-nar il-ligi ghazlet li tuza l-kelma *"tinkludi"* b'hekk jinftiehem li dak indikat mil-Ligi mhuwiex wiehed restrittiv. L-argumenti mressqa mid-difiza fir-rigward ta' din l-imputazzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha m'humiex accettabbli. Ma jirrizultax li l-imputat kien licenzjat biex izomm din l-arma tan-nar li giet elevata. Ghaldaqstant, l-imputat ser jinstab hati ta' imputazzjoni enumerata bin-numru tlettax (13).

**<u>Imputazzjoni enumerata bin-Numru Erbatax (14)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li ttrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur minghajr awtorizzazzjoni.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li minkejja li numru konsiderevoli ta' tajr protett ibbalzmat kienu gew ddikjarati minn George Zahra, dawn ma kienux jinstabu fuq is-sit. Stanley Gatt jghid li l-imputat qallu li kien iddispona minnhom peress li kienu ddeterjoraw. Jirrizulta li dan inghad wara li l-imputat inghata t-twissija[3]. Meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk kienx gab xi permessi minn naha tal-MEPA kif kien obbligat li jaghmel, hu wiegeb fin-negattiv. Dan jikkonfermah ukoll Gilbert Haber. Gatt jispjega li mir-ricerka li saret, la l-imputat u anqas missieru qatt ma talbu dan u li anqas qatt ma harget forma ta' awtorizzazzjoni minn naha tal-MEPA f'dan ir-rigward.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fil-paragrafu precedenti, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjoni mmarkata bin-numru erbatax (14) giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tlettax (13) u l-erbatax (14) imputazzjoni. L-imputat ser jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu fir-rigward ta' imputazzjonijiet enumerati bin-numru sitta (6) sa hdax (11). L-imputat ghandu jqies ruhu fortunat illi r-reati rigward il-kacca mwettqa minnu saru meta l-ligi f'dan ir-rigward kienet ghadha ma gietx emendata bil-konsegwenza li issa hemm pieni ferm u ferm aktar horox minn dawk li kienu jezistu fiz-zmien li l-imputat ikkommetta r-reati in kwistjoni. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva. Bhala parentezi, il-Qorti tinnota li fir-rigward ta' imputazzjoni

[3] *A fol.* 19.

mmarkata bin-numru tlettax (13) ser tapplika l-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51(2) ta' Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tat-tnax (12) imputazzjoni u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 4(2) u 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Charles Zahra hati tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11), tat-tlettax (13) u tal-erbatax (14) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2000.00).

Il-Qorti tordna l-konfiska ta' dak elenkat f'Dok. "SG 1" (*a fol.* 21), f'Dok. "SG 3" (*a fol.* 30 *et seq.*), f'Dok. "SG 4" (*a fol.* 32), f'Dok. "SG 5" (*a fol.* 33) u f'Dok. "SG 6" (*a fol.* 34).

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' *shotgun* tal-ghamla mhux maghrufa (Numru 2606) (Dok. "FT 4" (*a fol.* 89 u 99)).

Finalment, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**